Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1344/2005

**Cementstone MFG Co. Ltd (C23519)**

**vs**

**Aaron Galea (ID 472880 M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm336.00) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija u servizz provdut lill-konvenut fuq l-inkarigu u a beneficcju tieghu;**

**Il-konvenut accetta l-konsenja tal-merkanzija u hareg cekk fis-16 t'Ottubru, 2004 (anness mal-avviz Dok A) li gie "referred to drawer";**

**Illi nonostante nterpellat sabiex ihallas l-imsemmi ammont ta’ tlett mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm336.00) anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 16 ta’ Marzu, 2005, il-konvenut baqa’ nadempjenti minghajr raguni valida (Dok.B);**

**Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja u cioe mis-16 t’Ottubru, 2004, sal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fit-30 ta’ Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut.  Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm336.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-16 t’Ottubru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Marzu, 2005, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------